

Brussell, 29 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

14605/25

FIN 1259  
INST 336  
PE-L 34

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13970/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025

---

- *Approvazzjoni*
  - *Approvazzjoni ta' ittra*
- 

1. Fil-15 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2025, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu ttrasferiti approprjazzjonijiet disponibbli fuq bosta linji ta' appoġġ amministrattiv għal-linji operazzjonali għall-programmi taħt is-(sotto-)intestaturi 1 (*ITER, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali, il-Programm tas-Suq Uniku u l-Programm Spazjali Ewropew*), 2b (*UE għas-Saħħa u Ewropa Kreattiva*) u 3 (*LIFE*), kif ukoll għall-Faċilità għall-Ukrajna, kif jinsab fid-dokument 13970/25.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

2. L-għan tal-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 15.98 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2025.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill japprova:
  - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 13970/25, u
  - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dan il-għan.

---

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : il-President tal-Kunsill  
lil : il-President tal-Kummissjoni  
kopja : il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024<sup>2</sup>, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 17/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola ta' għeluq).

---

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).